19 ta' Settembru, 1949.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Il-Pulizija *versus* Felice Mangion**

## Traffiku — Kolliżjoni — "Skidding".

*F'materja ta' kolliżjoni dovuta għal fatt li karrozza tkun skiddjat, il-fatt ta' li "skidding" jopera bħala skriminanti favur id-driver tal-karrozza li "skiddjat" meta li "skidding" ikun dovut għal "inevitable accident", u mhux ukoll meta jkun l-effett ta' negliġenza konkomitanti jew anteċedenti.*

*F'din is-sentenza l-Qorti semmiet il-prinċipji li f'materja ta' "skidding" jidher li jimmeritakom li jiġu senjalati.*

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tas-27 ta' Mejju 1949, l-imsemmi Mangion ġie misjub ħati ta' danni involontarji bi ħsara ta' Camilleri u Debono, billi fil-25 ta' April 1949, għal xi s-sebgħa neqsin għoxrin minuta ta' fil-għodu, fil-waqt li kien qed isuq char-a-banc minn Valletta Road, l-Imqabba, minħabba nuqqas ta' għaqal, traskuraġni u inosservanza tar-regolmenti, ħabat ma' char-a-

bane iehor no. 20 u għamillu ħsara; u ġie lilu applikat l-art. 23 Kap. 12;

Mangion appella kontra din id-dikjarazzjoni ta' reità;

Trattat l-appell, din il-Qorti.............. irriflettiet;

Fil-gurnata u fil-ħin indikati fiċ-ċitazzjoni ċertu Brincat (li kien ko-imputat fil-prima istanza, iżda ġie misjub mhux ħati u liberat) kien qed isuq char-a-banc no. 20 minn Valletta Road, dieħel għall-Imqabba, u ġie in kolliżjoni max-char-a-banc misjuq mill-appellant, nru. 2225, li kien ġej mid-direzzjoni opposta. ħiereġ mill-Imqabba;

Deher soddisfaċentement mill-provi illi Brincat kien qed isuq bi speed konfaċenti għar-"road conditions", u li malli tfaċċa x-char-a-banc ta' l-appellant mit-triq id-dejqa, Brincat żamm f'mod regolari. Għall-kuntrarju, l-appellant Mangion, li sera' jara l-"oncoming traffic" minn xi tlettax-il jarda bogħod, malli ra x-char-a-banc ta' Brincat, applika l-"brakes" biex iżomm, skiddja (l-art dak in-nhar kienet tiżloq), u baqa' sejjer fuq ix-char-a-banc ta' Brincat u għamillu ħsara;

Il-kwistjoni kollha hija jekk (kif tippretendi d-difiża) l-iskidd kienetx "inevitable accident", li allura topera bħala skriminanti favur l-imputat, jew inkella kienetx l-effett ta' negliġenza tiegħu konkomitanti jew anteċedenti;

U b'hekk tinfetaħ il-kwistjoni importanti ta' li "skidding". li l-editur ta' "The Motor" ("How To Drive a Car", p. 81), jikkwalifika, bir-raġun, bħala "one of the most disconcerting misdemeanours to which a car is heir to";

Issa, każijiet ta' "skidding" ġew kemm-il darba quddiem il-Qrati u l-prinċipji li, milli jidher jimmeritaw li jiġu senjalati, huma dawn:—

1. Għalkemm skid f'ħafna każijiet tista' tiġi "corrected" minn driver b'esperjenza u kapaċità, hu ċar illi, kif jirrileva l-awtur fuq ċitat (ibidem, pag. 82), "prevention is better than cure"; anzi l-"prevention" hija dover;

2. Waħda mill aktar kawżi frekwenti ta' skidding hija "the sudden application of the brakes on a wet road". Minn dan jiġi li hu dover ta' min isuq fiż-żlieq li jevita minn qabel li jiġi poġġut f'pożizzjoni li jkollu japplika l-brakes f'daqqa waħda;

3. Kif josserva ċ-Charlesworth (The Law of Negligence,

p. 89), il-fatt li car fiż-żlieq għandha tendenza li tiskiddja, "makes it encumbent on the driver to use additional care, proportioned to the greater risk................";

4. L-istess awtur josserva illi li skid, per sè, iżolatament, hija "a neutral circumstance", li la hija "defence" u anqas hija "evidence of negligence". Infatti skid tista' tiġri non ostanti li d-driver jieħu prekawzjoni; tista' tiġri minħabba n-negligenza ta' "road user" ieħor, u tista' wkoll tiġri minħabba negligenza konsistenti fin-nuqqas ta' prekawzjoni tad-driver li l-karrozza tiegħu skiddjat. Għalhekk hemm bżonn li, minbarra l-fatt sempliċi ta' li skid, ikun hemm prova ta' negligenza, biex ikun hemm responsabilità. Hekk ukoll, fil-kawża, li hija kunsidrata "a leading case" l-Ingilterra, iż-żewġ imħallfin Vaughan Williams u Fletcher Moulton qalu illi t-"tendency to skid is no evidence of negligence" (ara kawża "Wing vs. L.G.O.C.", 1909 2 K.B.D. 652; 36 Dig. 89. 594). F'din il-kawża, il-"County Court Judge" kien afferma dan il-prinċipju; id-Divisional Court irrevokat id-deċiżjoni; iżda ż-żewġ imħallfin fuq imsemmija, fil-Court of Appeal (l-imħallef l-ieħor iddissenta), reġgħu affermaw il-prinċipju tal-County Court Judge. L-Imħallef sedenti jidhirlu illi l-prinċipju kif aċċettat mill-Qorti ta' l-Appell Ingliża huwa ġust; għaliex, jekk skid tista' anki tiġri non ostanti kull prekawzjoni, għalhekk hemm bżonn li jiġi eżaminat jekk kienx hemm negligenza anteċedenti (li ġiebet li skid, jew li, kieku ma kienx hemm negligenza, li skid ma kienetx tiġri), jew inkella negligenza konkomitanti (bħal ma hija l-applikazzjoni bruska tal-brakes);

Issa, fil-każ in eżami, ankorkè wieħed kellu beninjament jirritjeni illi, minħabba ċ-ċirkustanzi ta' l-"agony of collision", il-ġudizzju ta' l-appellant dak il-mument kien "overpowered" b'mod li hu rreaġixxa ħażin, in kwantokkè li l-applikazzjoni bruska tal-brakes ġiebet li skid, jibqa' dejjem li, kieku hu uża l-prudenza "a tempo" qabel, ma kien jiġri xejn minn dak li ġara. Infatti l-appellant seta' ppreveda li jinqalgħu ċirkustanzi li fihom ikollu jirreaġixxi malajr f'dik il-lokalità; u kien imissu jaf, bħala driver kompetenti, li jekk jirreaġixxi malajr bl-applikazzjoni tal-brakes, allura, fir-"road conditions" ta' dak il-ħin, bilfors kienet tiġri skid b'konse-

gwenzi koroh. Il-Qorti waslet għal dina l-konklużjoni għal dawn ir-raġunijiet, li perspikaċement irrileva d-deċident fl-ewwel istanza :—

(a) It-triq kienet "greasy", u għalhekk skid kienet ħaġa faċilment prevedibili;

(b) Ix-char-a-banc kien vojt, u kwindi r-"road adhesion" tat-tyres kienet anqas, u skid aktar probabili;

(c) It-triq mnejn l-appellant kien għaddej, minħabba l-konformazzjoni tagħha, ma kienetx tagħtih viżwalità twila, u għalhekk kien prevedibili li titfaċċa f'daqqa waħda vettura oħra ġejja mid-direzzjoni kuntrarja;

(d) Għalkemm li speed li bih kien miexi l-appellant kien moderat, iżda evidentement ma kienx talment moderat illi jissupera l-perikolu ta' li skid. L-ieħor, Brincat, infatti, fuq l-istess triq, żamm bla inċident ta' xejn, għaliex li speed tiegħu kien moderat sal-pont li jimpedixxi l-perikolu ta' li skid;

Hu ċar illi, kieku l-appellant kien sejjer bi speed moderat sal-pont li kien jeħtieġ in relazzjoni maċ-ċirkustanzi tat-triq u l-kondizzjoni tagħha, hu lanqas kien ikollu bżonn iwaqqaf, imma kien jkun jista' liberament jibqa' miexi bil-mod u jgħaddi fl-ispazju li ħallielu opportunament id-driver l-ieħor Brincat;

Għalhekk is-sentenza appellata hija sewwa;

L-appell hu miċħud.